# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 17**

**Rikors numru 963/07 JPG**

**Mark Schembri & Associates Limited (C-9425) u b'digriet tat-30 ta' Awwissu 2011 giet sostitwita ghal Mark Schembri & Sons Limited**

**v.**

**Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding GmbH Branch Malta (OC-228)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici Mark Schembri & Associates Limited [C-9425] tal-14 ta' Settembru 2007 li fih jinghad:

> *"1. Illi s-socjeta' ntimata 'Tarkett Holding GmbH gia' Tarkett Sommer International GmbH, rapprezentata f'Malta mis-socjeta' ntimata Tarkett Holding GmbH Branch Malta gia' Tarkett Sommer International GmbH Branch Malta, issubkontrattat u kkommissjonat lis-societa' esponenti*

*sabiex taghmel appalt konsistenti fl-installazzjoni ta' vinyl flooring u affarijiet ohra relatati fl-Isptar Mater Dei, Birkirkara by-Pass, Birkirkara (Ara Dok. "A" hawn unit;*

*"2. Illi fuq dan l-appalt is-socjeta' esponenti ghad baqghalha tithallas minghand is-socjetajiet intimati l-bilanc ta' mitejn u disa u sittin elf, mitejn u tnejn u disghajn lira maltin u erba u sebghajn centezmi (Lm269,292.74c) u dana kif jidher dettaljatament spejgat fit-tlett istatements hawn annessi (Ara Dok. "B", "C", u "D" hawn uniti).*

*"3. Illi s-socjeta' esponenti ghandha tithallas ukoll minghand is-socjetajiet intimati s-somma ta' hamsa u tletin elf u erba mitt lira maltin (Lm35,400), inkluz vat, bhala kummissjoni bit-tlieta fil-mija (3%) kalkolat fuq il-valur tal- kuntratt li hadu s-socjetajiet intimati fil-progett tal-manifattura u installazzjoni tal-vinyl flooring fl-Isptar Mater Dei u dana minhabba l-intervent u ghall-partecipazzjoni tas-socjeta' esponenti .*

*"4. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti ghandha tiehu minghand is-socjetajiet intimati s-somma komplessiva ta' tlett mija u erbat elef, sitt mija u tnejn u disghajn lira u erba u sebghajn centezmi (Lm304,692.74c) kif fuq spjegat.*

*"Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

*"1. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jhallsuha s-somma komplessiva ta' tlett mija u erbat elef, sitt mija u tnejn u disghajn lira maltija u erba u sebghajn centezmi (Lm304,692.74c): in kwantu ghal mitein u disa u sittin elf, mitejn u tnejn u disghajn lira maltija u erba u sebghajn centezmi (Lm269,292.74c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' appalt ta' l-installazzjoni ta' vinyl flooring u affarijiet ohra relatati ezegwiti fl-lsptar Mater Dei, Birkirkara by-Pass, Birkirkara, kif fuq inghad; u in kwantu ghal hamsa u tletin elf u erba mitt lira maltin (Lm35,400) bhala kummissjoni bit-tlieta' fil-mija (3%) kalkolat fuq il-valur tal-kuntratt li hadu s-socjetajiet intimati fil-progett tal-manifattura u installazzjoni tal-vinyl flooring fl-Isptar Mater Dei u dana minhabba l-intervent u ghal l-partecipazzjoni tas-socjeta' esponenti .*

*"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1364/2007 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-Rikors kontra s-socjetajiet intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta guramentata ta' Tarkett Holding GmbH et tal-21 ta' Jannar, 2008, li permezz taghha eccepiet:

*"1. L-esponenti jaqbel ma l-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat u jzid li madankollu mhux l-arrangamenti kollha mas-socjeta rikorrenti*

*jirrizultaw specifikatament mill-kuntratt anness u mmarkat Dokument "A" mar-rikors guramentat;*

*"2. Fir-rigward tat-tieni pargarafu tar-rikors guramentat, l-esponenti jirrispondi illi s-sommom indikata fil-paragrafi 1(a), 1(b), 2 u 4 fid-dokument "B" anness mar-rikors promotur huma llum dovuti lis-socjeta rikorrenti madankollu s-somma ndikata fil-paragrafu 1(a) ma kinitx dovuta fil-mument tal-prezentata tal-rikors guramentat izda saret biss dovuta fit-12 ta' Novembru 2007. Fir-rigward ta' dan l-istess paragrafu jinghad ulterjorment illi l-pretensjoni tar-rikorrenti fuq il-bilanc ta' l-ammont pretiz hija kollha kontestata u dan stante li (i) parti mix-xoghol li ghalih qieghed jippretendi hlas ma sarx mis-socjeta rikorrenti (ii) ammonti li dwarhom hemm allegazzjoni ta'qbil ma l-esponenti, fil-fatt ma kien hemm qatt qbil dwarhom u (iii) ammonti ohra huma eccessivi mhumiex gustifikati.*

*"3. Fir-rigward tat-tielet paragrafu tar-rikors guramentat, l-esponenti jirrispondi illi l-pretensjoni tar-rikorrenti rigward it-3% kummissjoni hija ntempestiva stante li dan l-ammont ghadu mhux dovut;*

*"4. L-esponenti qieghed jiehu gurament fuq ir-risposti fuq imsemmija u l-fatti li jissostanzjawhom abbazi ta' nformazzjoni li giet mghoddija lilu mir-rapprezentanti tas-socjetajiet intimati.*

*"5. Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Frar, 2015, li permezz taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:

"tilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet intimati fejn applikabbli, ..., tilqa' in parti l-ewwel talba attrici b' dana illi:

"Tikkundanna lis-socjetajiet intimati jhallsu lis-socjeta` attrici s-segwenti ammonti:

"€181,571.02 - rapprezentanti xoghol mwettaq mis-socjeta` attrici;

"€15,703.00 - rapprezentanti *cost of living increases*;

"€6,871.65 – Hlas tal-kummissjoni tal-"*wallcovering project*";

"€1,583.21 - rapprezentanti spejjez ta' rapporti ta' *technicians* li gew ingaggjati;

"€82,549.82 - rapprezentanti kummissjoni dovuta;

"€13,743.30 – rapprezentanti spejjez tas-*site office* u facilitajiet ta` ufficju addizzjonali;

"€15,000.00 – diskrepanza fil-kejl *arbitrio boni viri;*

"B'totali ta' €317,022.00c bl-imghax legali mid-data tar-rikors promotorju cioe' 14 ta' Settembru tas-sena 2007;

"Il-Qorti taghraf illi fic-cirkostanzi tal-kaz ikun ghaqli u gust illi l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-Qorti tibda biex tippreciza illi fost il-pretensjonijiet ghal hlas intavolati mis-socjeta' attrici, s-socjetajiet intimati, jammettu li hemm is-segwenti ammonti dovuti:

- *"Claim* 1A: Lm77,948.44 ekwivalenti ghal €181,571.02 - rapprezentanti xoghol mwettaq minn MSA (Vide fol. 28 tal-process);

- *"Claim* 1B: Lm6,741.64 ekwivalenti ghal €15,703 - rapprezentanti *cost of living increases* (Vide fol. 28 tal-process);

- *"Claim* 2: Lm2,950 ekwivalenti ghal €6,871.65c - hlas tal-kummissjoni tal-*wallcovering project* (Vide fol. 28 tal-process)

- *"Claim* 4: Lm679.67 ekwivalenti ghal €1,583.21 - rapprezentanti spejjez ta' rapporti ta' *technicians* li gew ingaggjati (Vide fol. 29 tal-process).

- *"Commission Claim*: Lm35,400 ekwivalenti ghal €82,549.82 - rapprezentanti kummissjoni dovuta u accetta mis-socjetajiet intimati (Vide fol. 34 tal-process u xhieda ta' Aleksandr Struder a fol. 207)

"Ghalhekk l-ammont dovut li dwaru hemm qbil bejn il-partijiet huwa fis-somma totali ta' €281,317.05.

"Illi ghaldaqstant il-Qorti ser tanalizza x-xhieda ghall-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici li ghadhom kontestati mis-socjetajiet intimati.

"Mix-xhieda moghtija fl-affidavit tieghu a fol. 28 et seq. Mark Schembri, *Managing Director* tas-socjeta' attrici jirrizulta illi permezz tal-kuntratt, Dok. A a fol.5, datat 8 ta' Mejju ta' 2002, s-socjeta Tarkett Sommer GmbH illum Tarkett Holding GmbH ("Tarkett") ingaggjat lil Mark Schembri & Sons Limited, gia' Mark Schembri & Associates Limited

(MSA) bhala l-kuntrattur taghha sabiex jissuplixxi u jqieghed il-*vinyl flooring* tal-isptar Mater Dei.

“Illi originarjament Tarkett kienet giet ingaggjata minn Skanska Malta Joint Venture ("Skanska"), li kienet il-kuntrattur ewlieni mqabbad mill-Fondazzjoni ghas-Servizzi Medici ghall-bini tal-Isptar Mater Dei, sabiex tiehu hsieb tal-fornir u t-tqeghid ta' *vinyl flooring* fuq l-art fl-isptar. Dan il-kuntratt bejn Skanksa u Tarkett igib id-data tat-8 ta' Frar 2002. (Vide Dok. RJ1 minn fol. 280 sa 286 tal-process)

“Illi ghalhekk Skanska kienet l-kuntrattur principali u ghamlet kuntratt tal-appalt ma’ Tarkett li a sua volta sub-kuntrattat ix-xoghol lil MSA.

“Illi Tarkett iddikjarat li ma hemm ebda kwistjoni bejn Skanska u Tarkett u r-relazzjoni kienet giet mitmuma.

“Illi f’dina l-kawza s-socjeta' attrici, qeghda titlob minghand Tarkett, il-hlas ta' sub-appalt (vide fol 5-7) konsistenti fl-installazzjoni ta' *vinyl flooring* u affarijiet ohra relatati fl-Isptar Mater Dei. Oltre minn hekk, is-socjeta` attrici qeghda tilob il-hlas ta' 3% kummissjoni, kkalkolat fuq il-valur tal-kuntratt li hadu s-socjetajiet intimati minhabba l-intervent u l-partecipazzjoni tas-socjeta' attrici.

“Illi Mark Schembri fl-affidavit tieghu, ipprovda elenku tal-pretensjonjiet individwi ghall-hlas da parti tas-socjeta` konvenuta.

“Illi l-*Claims* tal-MSA li dwarhom tibqa’ il-kontestazzjoni huma s-segwenti:

“1. *Claim* 3 - Skont il-kuntratt ta' l-appalt is-socjeta` konvenuta kellha tipprovdi karta protettiva biex tipprotegi l-*vinyl flooring* sakemm jinghata l-*handing over*. Is-socjeta' attrici thallset €0.16c (Lm0.07c) *per square meter* ghall-*labour* biss, bil-karta provduta mis-socjetajiet intimati. F’zewg okkazzjonijiet (fl-1 ta' Settembru 2006 u fil-11 ta' Settembru 2006) it-*transhipment* ta’ din il-karta protettiva kien tardiv u ghalhekk s-socjeta' attrici kellha tixtri dina l-karta hi lokalment. Din swiet is-somma ta' €1,447.17c (Lm621.27c). Din il-*claim* ghalhekk tirreferi biss ghar-rifuzjoni ta' spejjez biss li gew attwalment minfuqa (Vide Dok. "E1" u "E2" a fol. 1 u 2 ta’ Volume I(A) – *Ring File* abjad - tal-process). Skont Mark Schembri din l-karta prottettiva effettivament giet uzuat ghas-skopijiet tas-subappalt u mhux ghal xi skopijiet ohra. (Vide Dok. "M a fol. 63 fi Volume I(A)).

“2. *Claim* 5 - Illi s-socjetajiet konvenuti kienu obbligati skont il-kuntratt ma’ Skanska sabiex jaghmlu *"the application of latex screed to subfloor*". Skont l-atturi dan l-obbligu gie interpretat minn Skanska fis-sens li Tarkett kien jehtiegilha tezegwixxi, wara li jinghata l-konkos, il-*full subfloor preparation* biex ikun jista’ jitqieghed il-*vinyl*. Dan ix-xoghol kien jirrikjiedi *grinding* u livellar tas-*subfloor* sakemm jilhqu l-livelli accettabbli biex ikun jista’ jitqieghed il-*vinyl*. Il-Perit Charmaine Cutajar

(Vide Affidavit Dok. "CC" a fol. 98) u Kurt Milleberg (Vide Affidavit Dok. "KM" a fol. 100) jispjegaw dettaljatament ix-xoghol li kellu jsir biex il-livelli ta' l-art jasslu *"within 5 mm tolerance"* (qabel kien 3mm *tolerance* u bi ftiehim mal-*Foundation for Medical Services* zdied ghal 5 mm *tolerance*). Skont is-socjeta' attrici hija ma kellhiex kundizzjoni simili fil-kuntratt mal-konvenuti. Fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet kien hemm specifikat *"subfloor preparation shall be offered separately based on requirement and/or request"* (Ara Dok. "A" mar-rikors promotorju) u dejjem hekk sar bejniethom.

“Illi kienet is-socjeta` attrici li fil-fatt hellset lil Tarkett minn obbligazzjoni li fil-verita` ma kienetx taghha ghalkemm dan sar wara li Skanska kienet gia' dahlet lil Tarkett fi spejjez inutili u tefghet lil Tarkett/MSA lura fil-program tax-xogholijiet cioe’ fit-twahhil tal-*vinyl*. Fil-fatt, is-socjeta' attrici rnexxielha tottjieni kopja ta' dokument li juri li l-*grinding* u l-livellar tas-*subfloor* kien obbligazzjoni ta' kumpanija ohra (cioe' lil Joe Bonnici & Sons Limited). Dan wassal sabiex Roberto Jacono ghal Tarkett jibghat *fax* bid-Dok. "F" anness, lil Thomas Erickson u Grant Williams ta' Skanska, fit-30 ta' Marzu 2006 liema dokument kien inkiseb minn Mark Schembri (Ara Dok. "F" fi Volume I(A) a fol. 3). Da parti taghha Skanska accettat li l-obbligazzjoni ta' Tarkett ma kienx aktar *full sub-floor preparation* izda biss *"treating the floor where necessary, and laying the vinyl"* (Ara Dok. "G" - *email* tal-4 t' April 2006 a fol. 11 fi Volume I(A)). Tarkett kompliet tipprotesta illi *"they had to incur extra costs to procure floor screeds and as well additional labour, which to date no payments whatsoever have been made to cater for all of this"* (Ara Dok. "H" — *email* tat-12 ta' April 2006 fi Volume I(A) a fol. 12).

“Dan ghalhekk kien jintitola Tarkett taghmel talba ghall-hlas minghand Skanska ghal xoghol ezegwit minnha bhala *full subfloor preparation* fis-snin 2002 sal-31 ta' Marzu 2006. Tarkett kienet ghal dan il-perijodu hallset lil MSA *"at cost"* minghajr l-ebda margini ta' profitt kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-*Claim* 8B, bl-intiza pero' illi Tarkett taghmel *claim* lil Skanska, tinkludi l-profitt dovut lil MSA, u eventwalment thallas lil MSA l-profitt li ma kienx thallas lilha.

“Din il-*claim* 5 tirreferi ghas-*subfloor preparation* ghall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-ahhar tal-kuntratt u cioe' sad-19 ta' Gunju 2007. F'dan il-perijodu MSA ksiet *area* totali ta' 50,733sq.m. li hija approssimitivament hamsa u sittin fil-mija (65%) tal-*area* kollha tal-Mater Dei (Ara konferma ta' dan bil-kejl mehud mill-*Quantity Surveyor* - Dok. "CZ1" unit ma' l-affidavit ta' Chris Zahra a fol. 50), u mill-liema ammont, cirka 2,680 sq.m. jirreferi ghall-perijodu minn Jannar sa Marzu 2006. Irid jigi spjegat illi x-xoghol involut imbaghad fis-*sub-floor preparation* ghal perijodu (1 t’April 2006 sa 19 ta’ Gunju 2007), kien wiehed ridott, il-ghaliex tbiddel in-natura tax-xoghol fis-sens li ma baqghawx jbaxxu t-tumbati bhal qabel, izda xorta baqa’ ghaddej dan ix-xoghol sal-ahhar tal-progett, u kien jehtieg li tigi livvellata l-art sikkome l-haddiema ta' Joe Bonnici & Sons Ltd kienu qed ihallu gholi in eccess tat-*tolerance* accettabbli u cioe’ ta' 5mm (Vide l-kontro-ezami ta' Paul

Formosa a fol. 354, u ta' Dauda Camara a fol. 363). Illi ghalhekk l-impiegati tas-socjeta' attrici xorta kien jehtiegilhom jixkatlaw, jghatu l-*primer/sealer* u japplikaw *latex screed* (siment) fejn neccessarju halli jippreparaw l-art qabel jqieghdu l-*vinyl*. Kienu anki jehtiegilhom iduru mal-hitan ghax il-magni tal-*grinding* ma jaslux sal-hajt u ghalhekk kien jehtiegilhom juzaw il-*jigger*, u jixkatlaw. Dan baqa' jsir sa l-ahhar tal-progett (Vide kontro-ezami ta' Kurt Millburg a fol. 249; u kontro-ezami ta' Paul Formosa a fol. 648 u; kontro-ezami Dauda Camara a fol. 651 u 652). Anki Thomas Erickson li kien kritiku ahrax tal-hidma ta' Mark Schembri u MSA ammetta illi *"Mark spent a lot of his time sanding down too much".* A fol. 168

“Mark Schembri xhed illi din il-kritika ma sabitx rifless mis-socjeta' Tarkett l' ghaliex din kienet fahhret lil MSA u sahhansitra tatha rigal tax-xoghol tajjeb taghha (Ara hlas taht *Claim* 2, u Affidavit ta' Kurt Millberg a fol. 103),

“In sostenn tal-*claim* 5 f'ammont ta' €183,327.42c (Lm78,702.46c) is-socjeta' attrici esibiet l-ispejjez u cioe' salarji tal-haddiema fl-ammont ta' €96,519.40c - Lm41,435.78c (Vide Dok. "I" fol. 13 ta' VolumeI(A)), materjal uzat fl-ammont ta' €12,474.91c - Lm5,355.48c, u kalkolazzjoni ta' profitt inkluz vat bit-18% (Ara Dok. "J" a fol. 27 sa 33 u Dok. "K" a fol. 34 u 35 f' Volume I(A)). Mark Schembri kompla jghati aktar dettalji ghal kif wasal ghal dina l-komputazzjoni (Vide Dok. "MMSS" - it-Tieni Affidavit ta' Mark Schembri a fol. 72 sa 74 ) li huwa hadem bl-ghajuna ta' l-Awdituri tal-Kumpanija stante li dina l-komputazzjoni hija ta' materja purament teknika. Fuq dan il-punt ghandu jigi enfazizzat illi Tarkett oggezzjonat li Mark Schembri jipproduci l-Awdituri tal-Kumpanija halli jispjegaw il-"*workings*" li huma ghamlu fuq din il-*claim* u izda fl-istess hin ippretendiet risposti ta' natura teknici mill-punto di vista t'*auditing* mill-istess Mark Schembri li minn naha tieghu mhux dejjem kien f'pozizzjoni li jirrispondi, u kien kostrett jirriferi ghall-Awdituri tieghu.

“3. ***Claim* 6** - Din il-*claim* hija fl-ammont ta' €12,323.32c (Lm5,290.46c) u tirrapprezenta nofs l-ispiza tal-*Quantity Surveyors*, Denis Sant (Ara Dok. "L" unit ma' l-Affidavit ta' Mark Schembri - ½ Lm2,282.07c ekwivalenti ghal €5,315.79c = €2,657.90c), u Chris Zahra (Ara Dok. "L" a fol. 36 sa 62 f' Volume I(A) u cioe' Lm8,298.86c ekwivalenti ghal €19,331.14c = €9,665.57c), li necessarjament kellhom jigu nkarigati mis-socjeta' attrici biex ikejjlu x-xoghol ezegwit u johrogu l-kontijiet, dan kien fl-interess taz-zewg socjetajiet kontendenti. Is-socjeta' konvenuta kienet ben konxja mis-servizzi tal-*Quantity Surveyors*, rapprezentanti ta' Tarkett iltaqghaw u ddiskutew maghhom u finalment uzaw is-servizzi u l-kunteggi taghhom biex Tarkett setghat tithallas minghand Skanska (Ara Affidavit ta' Chris Zahra a fol. 48) ghax minghajr il-*workings* tal-*Quantity Surveyor*, Tarkett ma setghetx tithallas minghand Skanska. Kien ghalhekk li s-socjeta' attrici kienet ipproponiet lil Tarkett (Ara Dok. "M" - *email* tat-8 ta' Ottubru 2006 a fol. 63 fi Volume I(A)) li l-ispejjez tal-*Quantity Surveyor* jigu sopportati nofs bin-nofs. Roberto Jacono qatt ma oggezzjona ghal dina l-proposta. Infatti

Roberto Jacono jispjega fix-xhieda tieghu illi ghalkemm ma kienx hemm ftiehim bil-miktub dwar dan, huwa kien accetta dina l-proposta (vide fol. 265).

“4. *Claim* 7 - Din il-*claim* tikkomprendi l-ispejjez minfuqa biex gie stabilit *"site office"* li kienet bniet l-istess socjeta' attrici fl-Isptar Mater Dei, liema ufficcju kien neccessarju l-ghaliex fih inzammu r-*records*, u *paperwork* tal-progett, u kien hemm *computers*, *kitchenette* u *toilet* f’dan l-ufficcju. Is-socjeta` attrici esibit ricevuti ammontanti ghal €16,102.14c (Lm6,912.65c) [Ara Dok. N a fol. 64- 65, u N1 sa N28 minn fol. 66 sa 101 f’Volume I(A)).

“Illi jinghad li in kontro-ezami Mark Schembri ikkonferma li l-ammont tal-pretensjoni tieghu in kwantu *Claim* 7 ghandha tonqos minn €19,591.49 ghal €16,102.14 (kif inghad hawn fuq). (Vide fol 375 sa 381 tal-process)

“Is-socjeta' attrici tghid li kellha tikri *container* minghand Fahrenheit Freigth Forwarders Co Ltd ghal erba xhur bi spiza ta' €489.17c (Lm210) fix-xahar biex tahzen l-makkinarju ta' Tarkett meta Skanska tat istruzzjonijiet biex dawn inhargu mill-Isptar.

“Is-socjeta' attrici utilizzat ukoll l-ufficini taghha fl-Imsida ghall-esigenzi tas-socjeta' intimata. Is-socjeta' attrici esibiet ricevuti ammontanti ghal €10,922.57c (Lm4,689.06c) (Ara Dok. "O", "O1" sa "O20" a fol. 102 sa 125 f’ Volume I(A)). Anke hawnhekk l-pretenzjoni originali kien ta’ €12,746.33 u giet ridotta ghall-€10,922.57.

“Mehud dan kollu in konsiderazzjoni, s-socjeta' attrici deherilha li jkun gust u ekwu illi l-ispiza totali tinqasm bin-nofs, u ghalhekk illimitat l-pretensjoni taghha ghall-ammont ta' €16.130.91c (Lm6,925). Hija rriduciet ulterjorment dina s-somma bi €2,387.61c (Lm1,025) biex finalment wasslet ghas-somma ta’ €13,743.30c (Lm5,900) peress li s-socjeta' attrici kienet zammet ghaliha x'uhud mill-oggetti mixtrija.

“5. *Claim* 8 - Din il-*claim* ghandha zewg aspetti: l-ewwel parti [Claim 8A] tirreferi ghall-kejl tal-*vinyl* li ma kienx inkluz fil-kejl ta' Skanska, u t-tieni parti [*Claim* 8B] tirreferi ghall-profit li ma kienx thallas lis-socjeta' attrici ghax-xogholijiet ezegwiti minnha fl-applikazzjoni tal-*"latex screed*" ghas-snin 2002-2005 u ghall-liema, s-socjeta' attrici kienet thallset biss ta' l-ispejjez u l-*labour* minghajr l-ebda margini ta' profit pendenti l-ezitu tal-*claim* li kellha tissottometti Tarkett lil Skanska (Ara *Claim* 5 supra).

“Jigi rilevat illi *Claim* 8C kienet giet irtirata.

“6. *Claim* 8A - Il-kejl li kien ha l-*Quantity Surveyor* Chris Zahra dwar il-kwantita' ta' *vinyl* imqieghed ma qabilx mal-kejl li kienet hadet Skanska. Id-diskrepanza kienet ta' €41,592.41c (Lm17,855.62) VAT inkluz (cioe' €35,247.80c + VAT €6,344.61c). Chris Zahra jispjega illi r-raguni ghal dina d-diskrepanza kienet li filwaqt huwa ha l-kejl kollu *"on*

*site"* (Ara Dok. "CZ I" a fol. 50), Grant Williams ta' Skanska kien jiehu il-kejl minn fuq id-disinji li kellu. (Vide Affidavit ta' Chris Zahra (Dok. "CZ" a fol. 48). Din id-diskrepanza kienet ingabet a konjizzjoni ta' Skanska u kien hemm ftiehim li din il-kwistjoni kellha tigi ventilata f'laqgha tas-19 ta' Gunju 2007 bejn rapprezentanti ta' Skanska u ta' Tarkett, laqgha li fiha gew rizolti l-kwistjonijiet kollha bejniethom, mentri Mark Schembri u Chris Zahra li attendew ghaliha ma thallewx jidhlu u ghalhekk ma setghawx jippartecipaw fil-kwistjonijiet li kienu ghadhom vigenti. Skont l-MSA hi hallset il-*Quantity Surveyor* Chris Zahra tal-kejl li kien hareg hu bil-kalkoli akkurati tieghu mehuda *"on site"*.

“7. *Claim* 8B - Kif gia' gie spjegat fil-*Claim* 5 Skanska kienet induciet lil Tarkett fl-izball u gieghelitha erroneament temmen li kien hemm kundizzjoni fil-kuntratt taghha li jesigi l-applikazzjoni ta' *"latex screed where required"* u li dan kien jfisser illi Tarkett kien jehtiegilha taghmel il-"*full subfloor preparation"* qabel it-tqieghed tal-*vinyl*, inkluz allura l-*grinding* u livellar tat-tumbati li kien hemm wara t-tqieghed tal-konkos. Tarkett kienet ghalhekk ingaggjat lil MSA u hallset lil MSA is-somma ta' €128,115.54c (Lm55,000) ghall-*labour* u materjal biss minghajr ebda margini ta' profitt li kien jammonta ghal €44,275.75c (Lm19,007.58c). Dan kien ben not minn Tarkett tant li Roberto Jacono f'*internal email* li huwa baghat fis-16 ta' Marzu 2006 lil Bodo Yung, Karl Weistch, Dontcho Kuchoukov u Alexandre Stordeur ikkonferma li: *"This amount is the very minimum covering the costs for labour and material of works",* u ghalhekk altru minn *"compensation"* kif jipprova jbengilha Aleksandr Struder (Vide fol. 203 et seq.) izda hlas ta' materjal u *labour* effettivament mahdum. Meta mbghad Mark Schembri gab id-dokumenti necessarji li fil-verita' urew illi dan ix-xoghol kien jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Kumpanija Joseph Bonnici & Sons Limited u gie allura skopert l-ingann da parti ta' Skanska, kien gie miftiehem bejn Mark Schembri ghal MSA u Alexandre Struder u Roberto Jacono ghal Tarkett biex MSA taccetta l-ispejjez tal-materjal u *labour* (€128,115.54c), Tarkett tissottometti *claim* minghand Skanska ghall-*refund* fl-ammont ta' €172,391.29c (Lm74,007.58c) - cioe' €128,115.54c + €44,275.75c. MSA ghalhekk hadmet *claim*, giet studjata u accetta mid-Dipartiment legali ta' Tarkett (Vide *email* tas-16 ta' Marzu 2007 - Dok. "S" a fol. 131 tal-Volume 1(A)) u finalment sottomessa Skanska fi *claim* dettaljatissima (Vide Dok. "U" a fol. 135 et seq. f'Volume 1(A) - u dan b'referenza ghal *Claim* 3). Minn dina l-*claim* Tarkett kellha tigi rifuza s-somma ta' €128,115.54c (Lm55,000) gia' mhallsa minnha lil MSA, u l-bilanc ta' €44,275.75c (Lm19,007.58c) kienu jispettaw lil MSA bhala l-margini ta' profit li ma haditx.

“Illi ghandu jigi enfazizzat illi rapprezentanti ta' Tarkett baqghu jirrifjutaw li jghatu dettalji u irrifjutaw li jaghtu dettalji tal- *"final settlement"* bejn Tarkett u Skanska (Thomas Erickson kien il-persuna li ffirma il-ftiehim finali u ma jiftakarx l-figura ezatta [Ara xhieda a fol. 167 u 168] Infatti huwa jghid:

> *“"Yes, because I was the package manager so I needed to sign off the package. I know that it was made a final settlement between Tarkett and Skanska...I know that some settlement was done but I do not know the exact figure of that settlement"”*

“Vide fol. 171

“Minn naha tieghu Alexandre Struder, il-Vici-President International ta' Tarkett, addirittura rrifjuta li jindaga dwar l-ammont tal-*"final settlement"*:

> *“"I am being suggested that there is a written agreement between Tarkett and Skanska and to try find out what was the exact amount that Skanska paid to Tarkett upon the claims and I say that I am not ready to do this".”*

“Vide fol. 209

“Minn naha l-ohra, in segwitu ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1364/2007 (Vide Dok. "MLS1" a fol. 129) mahrug mis-socjeta' attrici kontra s-socjetajiet intimati, fil-mori tal-kawza kienet giet issekwestrata f idejn il-Bank of Valletta p.l.c. is-somma ta' Lm74,647 (€173,880.74c), fi zmien meta Tarkett allegatament ma kellhiex flus disponibbli: *“Tarkett Malta is out of cash for the moment.”* (Vide *email* tat-5 ta' Dicembru 2006 - Dok."MLS2" a fol. 131) liema somma ncidentalment kienet l-istess figura rapprezentanti s-somma li kienet qed tippretendi Tarkett minghand Skanska bhala rifuzjoni ta' spejjez li hallset lil MSA bejn is-snin 2002 -2005(Lm55,000) nkluz il-margini ta' profit li tispetta lil MSA (€44,275.75c - Lm19,007.58c).

“Ikkonsidrat

“Illi l-Qorti gja` kkonstatat li Tarkett hija debitrici ta’ MSA ghall-ammont ta’ €181,571.02 (*Claim* 1A); €15,703 (*Claim* 1B); €6,871.65c (*Claim* 2); €1,583.21 (Vide *Claim* 4); €82,549.82 (*Commission Claim*). Ghalhekk l-Qorti ser tezamina jekk il-pretenzjonijiet l-ohra tas-socjeta’ attrici humiex provati skond il-ligi.

“B’referenza ghal-*Claim* 3 jinghad li l-MSA qeghda tippretendi l-ammont ta’ €1,447.17 rappresentant ammont imhallas minnha ghall-karta prottettiva li l-istess MSA kellha tixtri minn Malta. F'dan ir-rigward jinghad li solitament il-karta prottettiva kienet tinxtara minghand it-Tarkett stess pero minhabba *transhipment* tardiv MSA kienet kostretta tixtri din il-karta prottettiva minn Malta. Tarkett tghid li l-ammont mhux dovut stante li din l-ispiza ma kienetx minhabba t*ranshipment* tardiv izda minhabba traskuragni ta' MSA. Roberto Jacono jghid li l-materjal li inghata lil MSA kellha isservi ghall-superficcju tal-isptar kollu u ma kienx hemm bzonn li MSA tixtri materjali iehor. Minkejja li gew prodotti il-fatturi Dok E1, E2 li juru li MSA xtrat xi materjal, ma hemmx prova li s-socjeta` attrici ghamlet xi ordni ghal tali karta prottettiva u li tali ordni ma wasletx fil-hin mistenni – Vide xhieda ta’ Aleksandr Struder a fol. 202. Lanqas

hemm prova li l-materjal mixtri mis-socjeta’ attrici intuza ghall-iskop imsemmi mis-socjeta` attrici. Din il-pretenzjoni ghaldaqstant qed tigi respinta mill-Qorti.

“B’referenza ghal-*Claim* 5**,** il-Qorti taghraf illi MSA qeghda tirreklama l-ammont ta’ €183,327.42 ghax-xoghol ta' preparazzjoni ta' l-art mill-2006 sat-tmiem il-progett f'Gunju 2007. Tarkett tichad li dan l-ammont huwa dovut.

“Illi Tarkett tghid li fil-fatt ma sar ebda xoghol minn MSA ghall-perjodu mill-2006 sa tmiem il-progett f’dak li jirrigwarda xoghol ta' preparazzjoni tal-art u semmai jekk ix-xoghol vera sar, il-komputazzjoni tal-pretensjoni hija wkoll wahda zbaljata.

“Illi s-socjetajiet Tarkett kienu obbligati skont il-kuntratt ma’ Skanska sabiex jaghmlu *"the application of latex screed to subfloor".* Skont l-atturi dan l-obbligu giet interpretata minn Skanska bhala li jfisser illi Tarkett kien jehtiegilhom jaghmlu, wara li jinghata l-konkos, il-*full subfloor preparation* biex ikun jista’ jitqieghed il-*vinyl*. Dan ix-xoghol kien jirrikjiedi xkatlar u livellar tas-*subfloor* sakemm jilhqu l-livelli accettabbli biex ikun jista’ jitqieghed il-*vinyl*. Skont MSA hija rnexxielha tottjieni kopja ta' dokument li juri li l-*grinding* u l-livellar tas-*subfloor* kien obbligazzjoni ta' kumpanija ohra (cioe' lil Joe Bonnici & Sons Limited). Tarkett ipprotestat ma' Skanska; Roberto Jacono baghat lil Thomas Erickson u Grant Williams ta' Skanska flimkien mad-dokument li ottjiena Mark Schembri (Ara Dok. "F" anness ma' l-affidaviat ta' Mark Schembri). Da parti taghha Skanska accettat li l-obbligazzjoni ta' Tarkett ma kienx aktar full *sub-floor preparation* izda biss *"treating the floor where necessary, and laying the vinyl"* (Ara Dok. "G" - *email* ta' l-4 ta' April 2006). Tarkett pero kompliet tipprotesta illi *"they had to incur extra costs to procure floor screens and as well additional labour, which to date no payments whatsoever have been made to cater for all of this"* (Ara Dok. "H" - *email* 12 ta' April 2006).

“Illi ghalhekk skont MSA, Tarkett setghet taghmel talba ghall-hlas minghand Skanska ghal xoghol ezegwit minnha bhala *full subfloor preparation* fis-snin 2002 sal-31 ta' Marzu 2006. Tarkett kienet ghal dan il-perijodu hallset lil MSA *"at cost*" minghajr l-ebda margini ta' profitt (Vide Claim 8B) bl-intiza pero' illi Tarkett taghmel *claim* lil Skanska, tinkludi l-profitt dovut lil MSA, u eventwalment thallas lil MSA l-profitt li ma kienx thallas lilha.

“Illi ghall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-ahhar tal-kuntratt u cioe' sad-19 ta' Gunju 2007, MSA ghamlet *area* totali ta' 50,733 sq.m. cirka li hija approssimitivament hamsa u sittin fil-mija (65%) mill-*area* kollha tal-Mater Dei (Ara konferma ta' dan bil-kejl mehud mill-*Quantity Surveyor* - Dok. "CZ1" unit ma' l-affidavit ta' Chris Zahra a fol. 50), u mill-liema l-ammont, circa 2,680 sq.m. jirreferi ghall-perijodu minn Jannar sa Marzu 2006. MSA tispjega illi dan is-*sub-floor preparation* ghal dan il-perijodu (1 t’April 2006 sa 19 ta’ Gunju 2007), ghalkemm

ridott ghax tbiddel xi ftit in-natura tax-xoghol involut sikkome ma baqghawx jixkatlaw t-tumbati bhal qabel, xorta wahda kien jehtieg certu livellar l-art il-ghaliex ix-xoghol maghmul mil-haddiema ta' Joe Bonnici & Sons Ltd kien in eccess tat-toleranza accettabbli u cioe' dik ta' 5mm (Ara xhieda ta' Stephen Gatt a fol. 416; l-kontro-ezami ta' Paul Formosa a fol. 419; u ta' Dauda Camara a fol. 427 u 651). L-impjegati tas-socjeta' attrici xorta kien jehtiegilhom jixkatlaw, jghatu l-*primer/sealer* u japplikaw *"latex screed where required*" halli jippreparaw l-art qabel jghatu l-*vinyl*. Kienu anki jehtiegilhom iduru mal-hitan ghax il-magni tal-*grinding* ma waslux sal-hitan u kien jehtiegilhom ghalhekk juzaw il-jigger, u jixkatlaw. Dan baqa' jsir sa l-ahhar tal-progett (Ara Kontro-ezami ta' Kurt Millburg a fol. 249; u kontro-ezami ta' Paul Formosa a fol.648).

"Illi gew ezebiti l-ispejjez ta' MSA f'dan ir-rigward:

- "Salarji tal-haddiema fl-ammont ta' €96,519.40c - Lm41,435.78c (Ara Dok. "I"),

- "Materjal uzat fl-ammont ta' €12,474.91c - Lm5,355.48c, u kalkolazzjoni ta' profitt inkluz VAT bit-18% (Ara Dok. "K").

- "Dettalji ta' din l-komputazzjoni saret permezz tat-tieni affidavit ta' Mark Schembri (Ara Dok. "MMSS" a. fol. 72). Din il-komputazzjoni giet mahduma mill-awdituri ts-socjeta' attrici, f'ammont ta'€183,327.42c (Lm78,702.46c)

"Illi skont is-socjeta' intimata Tarkett dan ix-xoghol addirittura ma sarx. Infatti mix-xhieda ta' Thomas Eriksson a fol.149 et seq., Eriksson jaghti dettalji tal-opinjoni pessima tieghu ta' Mark Schembri u x-xoghol ezegwit mis-socjeta' attrici:

> *""I think Mark Schembri in relation to screed was meant even from the end of 2005, minimum. Very minimum. It was basically Joe Bonnici with our Indian team and other staff."* (Vide fol 153).
>
> *""Mark did some work as I said in 2005 but he did nothing in 2006 [recte 2005]. And he got falling behind in the installation of floor vinyl. So he could not cope and we tried to make sure that he focus on what his main job to install the vinyl. So in March 2006 we gave him a very clear instruction that he should not do any more screed adjustment without the written instructions.* (Vide fol 154).""

"Eriksson huwa tal-fehma li certament wara is-sena 2006, MSA ma ghamiltx ix-xoghol li hija ssostni li ghamlet, li ma kien hemm l-ebda istruzzjonijiet f'dan is-sens u li bhala stat ta' fatt dan ix-xoghol gie maghmul minn terzi. Roberto Jacono ukoll jikkonferma li inizjalment kien hemm diskussjonijiet dwar l-involviment ta' Tarkett fuq l-applikazzjoni ta' *latex screed* — madankollu, wara l-2006 din giet risolta ghaliex Skanska qabbdu lill-kuntrattur specifiku biex jaghmel dan ix-xoghol.

“Illi Mark Schembri jghid in kontro ezami li l-bicca l-kbira tax-xoghol ta' *latex screed* saret fil-perjodu bejn l-2002 u l-2005 u mhux aktar tard. Dan huwa kkonfermat mill-Perit Charmaine Cutajar u minn Stephen Gatt impjegat tal-MSA.

“Illi skont Tarkett anki jekk wiehed jikkoncedi li fil-perjodu rilevanti sar ix-xoghol, il-komputazzjoni ta' MSA kienet wahda zbaljata.

“Illi Tarkett tghid li t-taxxa fuq il-valur mizjud ta' tmintax fil-mija (€27,965) mhix dovuta. Is-socjeta’ Tarkett tikontendi illi l-VAT m’ghandhiex tigi ikkalkolata meta wiehed qed jaghmel komputazzjoni ta' kumpens. Mark Schembri wara li ghamel xi verifiki mitluba minn Tarkett, ikkonferma li kellu jiccargja taxxa fuq il-valur mizjud. Tarkett jghidu li taxxa fuq il-valur mizjud hija reklamabbli fuq provvista jew servizz li jigi provdut u mhux fuq pretensjoni ta' kumpens konsistenti f’talba ghall-hlas ta' salarji u *overheads*.

“Ikkonsidrat**:**

“Il-Qorti tosserva li l-VAT reklamat mis-socjeta’ attrici huwa fuq il-profitt u mhux fuq is-salarji. Jinghad li l-Qorti trid tara t-telf effettiv li baghtiet MSA. Is-socjeta’ attrici ma kellhiex (f’din il-materja) thallas ammont izda qed tippretendi ammont lilha dovut. Dan l-ammont pretiz ghaldaqstant ma jistax jigi ikkalkolat bhala inklussiv tal-VAT.

“Illi Tarkett tghid li ma kien hemm l-ebda qbil li xi profit kellu jigi moghti lil MSA. Dan kien ikkonfermat minn Schembri stess. Infatti l-*emails* ezebiti juru li ebda ftiehim ma intlahaq fuq din il-kwistjoni bejn il-partijiet. In oltre, jidher li l-ammont ta’ profitt ta’ 35.54% (u mhux 30%) kien wiehed unilaterali u totalment arbitrarju, deciz unikament mill-MSA.

“Illi MSA qed tirreklema salarji ta’ €96,517.58. Ma tirrizulta ebda prova li l-haddiema ta' MSA f’dan il-perjodu kienu qed jaghmlu biss ix-xoghol ta' *latex screed*. Ma hemmx provi bizzejjed sabiex jigi indentifikat minn din il-Qorti li x-xoghol jew materjal uzat kien utilizzat specifikatament ghar-ragunijiet reklamati minn MSA. Din il-Qorti taghraf illi s-socjeta’ attrici kienet in via di kumpens diga akkordat is-somma ta’ Lm 55,000 lis-socjeta’ attrici. Ghalhekk din il-pretensjoni (*Claim* 5) qeghda tigi michuda.

“Illi ghar-rigward tal-*Claim* 6 Illi MSA qeghda tippretendi l-ammont ta’ €12,323.46 rapprezentanti spejjez ta' servizzi professjonali rezi minn Chris Zahra, *quantity surveyor*. Dan kien ingaggjat minn MSA sabiex ikejjel ix-xoghol li jkun sar. MSA tghid li kien hemm qbil li l-ispejjez ta' Chris Zahra jinqasmu ugwalment bejn MSA u Tarkett. Mark Schembri jghid li kien baghat *email* lil Roberto Jacono, fejn huwa qal li Chris Zahra's *professional service fees to be shared by both parties Tarkett/MSA in half."* (Vide Dokument "M" a fol. 63 tal-Volume 1(A)). Jidher pero li din il- proposta ta’ MSA ma gietx accettata minn Tarkett.

Jinghad ukoll li ma hemm xejn fil-kuntratt bejn il-partijiet li jirregola din il-kwistjoni. Ghaldaqstant fin-nuqqas ta’ qbil espress din il-Qorti ma taghrafx alternattiva ghajr illi taqbel mat-tezi ta’ Tarkett li l-kejl kien parti mix-xoghol ta’ MSA. Ghalhekk din il-pretensjoni (*Claim* 6) qeghda tigi michuda.

“B’referenza ghal-Claim 7 din il-Qorti ikkonsidrat illi MSA qeghda tippretendi hlas mensili ta’ €13,743.30c rappresentanti spejjez tas-*site office* u facilitajiet ta` ufficju addizzjonali.

“Illi Tarkett tghid li Mark Schembri kien qieghed jithallas is-somma ta' Lm1,500 fix-xahar sabiex jagixxi ta' rapprezentant ta' Tarkett f’Malta u dan l-ammont gie mhallas biex ikopri dawn it-tip ta' spejjez. Izda mill-provi prodotti f’dan il-kaz, b’mod specjali mix-xhieda ta’ Roberto Jaccono, jidher li Tarkett kienu lesti li jkopru parti mill-ispejjez inkorsi f’dan ir-rigward u dan independentement mis-somma ta’ Lm1500 fix-xahar. Jaccono kien talba *breakdown* ta’ l-ispejjez pero jghid li ma irceviex dan il- *break down.* Ghalhekk, l-Qorti taghraf li din il-pretensjoni (Claim 7) ghandha tigi milqugha.

“B’referenza ghal-*Claim* 8A din il-Qorti taghraf li din il-*claim* tirrappresenta diskrepanza fil-kejl li kien ha l-*Quantity Surveyor* Chris Zahra (dwar il-kwantita' ta' *vinyl* imqieghed) mal-kejl li kienet hadet Skanska. Id-diskrepanza kienet ta' €41,592.41c (Lm17,855.62) VAT inkluz (cioe' €35,247.80c + VAT €6,344.61c). Chris Zahra jghid li d-diskrepanza kienet minhabba l-fatt li fil-waqt li huwa ha l-kejl kollu *"on site"* (Ara Dok. "CZ I" a fol. 50), minn naha l-ohra Grant Williams ta' Skanska ha il-kejl minn fuq id-disinji li kellu. (Ara Affidavit ta' Chris Zahra (Dok. "CZ" a fol. 48). MSA sostniet li din id-diskrepanza kienet ingabet a konjizzjoni ta' Skanska u kien hemm ftiehim li din il-kwistjoni tigi ventilata f’laqgha appozita li kellha ssehh fis-19 ta' Gunju 2007 bejn rapprezentanti ta' Skanska u ta' Tarkett, laqgha li fiha gew rizolti l-kwistjonijiet kollha bejn Skanska u Tarkett, mentri Mark Schembri u Chris Zahra li attendew ghal-laqgha *ma thallewx jidhlu* u ghalhekk ma setghawx jippartecipaw fil-kwistjonijiet li kien ghad baqa'. Skont l-MSA hi hallset il-*Quantity Surveyor* Chris Zahra tal-kejl li kien hareg hu bil-kalkoli akkurati tieghu *"on site".*

“Illi Thomas Erikkson, rapprezentant ta' Skanska, jghid li seta' kien hemm xi ftit divergenzi u fil-fatt din hija prassi fi progetti bhal dawn, pero divergenza ta' l fuq minn €40,000 xoghol ma kienitx wahda kredibbli.

“Illi, hawnhekk il-Qorti hija rinfaccjata b’sitwazzjoni fejn hija konvinta li kien hemm disprepanza izda hemm dubbju dwar l-ammont ta’ din id-disprepanza. Jinghad ghalhekk li l-kuncett ta’ *arbitrio boni viri* huwa spjegat mill-Qrati taghna fil-kawza fl-ismijiet ‘Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd’ deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004 fejn intqal s-segwenti;

> ""*In vista tad-divergenza ta' veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll ma' l-aspetti aktar 'il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta' l-entita` tat-telf. Jew ghallanqas jista' jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit; Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato";"*
>
> "Illi dan il-kuncett ghandu jigi applikat meta jkun difficcli li wiehed jistabilixxi precisament dak li ai fini u effetti tal-ligi hu dovut mill-konvenut lill-attur. F'dan il-kaz il-Qorti ghandha tuza l-poter diskrezzjonali taghha sabiex tillikwida somma a bazi ta' valutazzjoni ekwitattiva u tasal sabiex takkorda somma gust lill-attur fic-cirkostanzi. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz ghandha tikkwantifika l-ammont in kwisjtoni ghas-somma ta' €15,000 *arbitrio boni viri.*
>
> "Ghar-rigward il-*Claim* 8B, din il-*Claim* hija dwar il-qliegh fuq ix-xoghol ta' *latex screed* u din tammonta ghall-€44,275.75. Il-Qorti taghmel referenza ghal *Claim* 5 u tqis li ma hemm bizzejjed provi in atti sabiex jiggustifikaw l-ammont hekk mitlub."

Rat ir-rikors tal-appell principali ta' Mark Schembri & Sons Limited li permezz tieghu talbet riforma tas-sentenza appellata tal-25 ta' Frar, 2015, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu kkundannat is-socjetajiet intimati jhallsu s-socjeta` attrici s-somma ta' €317,022 in kwantu ghal €181,571.02 rapprezentanti xoghol mwettaq mis-socjeta` attrici; in kwantu ghal €15,703.00 rapprezentanti *cost of living increases*; in kwantu ghal €6,871.65 bhala hlas tal-kummissjoni tal-"*wallcovering project*"; in kwantu ghal €1,583.21 rapprezentanti spejjez ta' rapporti ta' *technicians* li gew

ingaggjati; in kwantu ghal €82,549.82 rapprezentanti kummissjoni dovuta; in kwantu ghal €13,743.30 rapprezentanti spejjez tas-*site office* u facilitajiet ta` ufficcju addizzjonali; u in kwantu limitatament ghal €15,000.00 bhala diskrepanza fil-kejl kalkolat *arbitrio boni viri;* izda thassaraha, tirrevokaha u tannullaha f'dawk il-partijiet l-ohra kollha billi tilqa' l-imsemmija aggravji u t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici appellanti u ghalhekk tikkundanna lis-socjetajiet appellati jhallsu wkoll lis-socjeta` appellanti s-somma komplessiva l-ohra ta' €267,738.15; in kwantu ghal €1,447.17c bhala spejjez tal-karta protettiva; in kwantu ghal €183,327.42c bhala xoghol fis-"subfloor preparation" mill-1 ta' Jannar, 2006, sad-19 ta' Gunju, 2007; in kwantu ghal €11,735.40 bhala nofs l-ispiza tal-*quantity surveyors*; in kwantu ghal €26,952.41 bhala differenza mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti fid-diskrepanza fil-kejl; u in kwantu ghal €44,275.75 bhala profitt dovut ghas-*subfloor preparation* ezegwit fis-snin 2002-2005, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetajiet appellati.

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tas-socjetajiet konvenuti, li permezz taghhom filwaqt li talbu li salv dak li jinghad fl-appell incidentali, is-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata u l-appell tas-socjeta` appellanti michud. Din il-konferma jsostnu li ghandha ssir hlief ghal zewg kapijiet tas-sentenza li skont is-socjetajiet konvenuti ghandhom jigu mhassra u revokati. Kwindi filwaqt li s-socjetajiet

konvenuti jitolbu li s-sentenza appellata tigi kkonfermata fejn sabet li l-ammont totali ta' €317,022 huwa dovut (ghalkemm isostnu li dan l-ammont ghandu jkun ta' €316,932.80), ghandha tigi revokata u mhassra f'dik il-parti taghha fejn sabet li l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tar-rikors promotur u fejn l-ispejjez gew maqsuma nofs bin-nofs, b'dan illi jitolbu li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li (i) l-imghax fuq kwalunkwe ammont li jinstab li huwa dovut jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti; u li (ii) l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici ghall-appell incidentali, li permezz taghha sostniet li l-aggravji dwar l-imghax u l-kap tal-ispejjez tas-socjetajiet konvenuti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw kemm l-appell principali, kif ukoll dak incidentali, waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2019, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti in atti;

Ikkonsidrat:

Illi dan il-kaz jittratta talba ghall-hlas tas-somma ta' €709,743.16 rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' appalt ta' tqeghid ta' *vinyl flooring* fl-Isptar Mater Dei f'Birkirkara, kif ukoll bhala kummissjoni ta' 3% kalkolat fuq il-valur tal-kuntratt li hadu s-socjetajiet konvenuti fuq il-progett tal-manifattura u installazzjoni ta' *vinyl flooring* fl-Isptar Mater Dei u dan minhabba l-intervent u l-partecipazzjoni tas-socjeta` attrici.

Filwaqt li kien hemm accettazzjoni mal-ewwel da parti tas-socjetajiet konvenuti ta' whud mill-partiti elenkati bhala talbiet rizultanti minn Dok. B anness mar-rikors promotur, bhala dovuti, kif spjegat sew mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kien hemm kontestazzjoni dwar il-bqija tal-partiti bhala mhux dovuti lis-socjeta` attrici.

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti, filwaqt li kkonfermat u kkundannat lis-socjetajiet konvenuti jhallsu dawk il-hames talbiet li jgibu referenza 1A, 1B, 2, 4 u t-talba dwar il-kummissjoni tat-3%, li huma stess accettaw bhala dovuti lis-socjeta` attrici, ikkundannathom ukoll ihallsu t-talba numru 7 u parti mit-talba 8A u ghas-somma komplessiva ta' €317,022.00, bl-imghax mid-data tar-rikors promotur u bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs.

Iz-zewg partijiet hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza. Is-socjeta` attrici ressqet l-appell principali taghha fuq l-aggravju li l-ewwel

Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-ligi, peress li tinsisti li s-socjetajiet intimati kellhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont shih pretiz minnha. Is-socjetajiet appellati filwaqt li jikkonfermaw il-qbil taghhom mad-decizjoni tal-ewwel Qorti sa fejn ordnat il-hlas tat-talbiet 1A,1B, 2, 4 u l-kummissjoni, ghalkemm originarjament ikkontestaw it-talbiet numri 7 u 8A, f'dan l-istadju ma jikkontestawx id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' dawn iz-zewg talbiet, salv li jinghad minnhom li t-total ghandu jwassal ghas-somma ta' €316,932.80 u mhux ghal €317,022. Id-diskrepanza bejn dawn iz-zewg figuri tinsab fil-fatt li skont ir-rikors promotur tas-socjeta` attrici hija talbet Lm35,400 bhala kummissjoni ta' 3%. Tabilhaqq dan l-ammont isarraf f'€82,459.82 u mhux f'€82,549.82 kif jinghad fis-sentenza appellata, kwindi salv il-verifiki mehtiega dwar it-talbiet l-ohra, din il-korrezzjoni tirrizulta gusitifikata.

Ghandu jinghad mal-ewwel illi, din il-Qorti, kif kellha diversi okkazjonijiet ohra li taghmel, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha sakemm ma tirrizultax xi raguni gravi. Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. Izda, din il-Qorti, anke bhala qorti ta' revizjoni, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex

tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi. Trattat dan il-punt, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tqis biss dawk it-talbiet li dwarhom tirrizulta kontestazzjoni bejn il-partijiet u ma tqis li hemm ebda htiega li toqghod tinoltra ruhha f'dawk it-talbiet li ma jirrizultawx ikkontestati.

Fir-rigward tat-talba numru 3, is-socjeta` attrici tippretendi hlas tas-somma ta' €1,447.17 rapprezentanti rifuzjoni ta' spejjez li hija nefqet (Dok. E1 u Dok E2 Vol. I A) sabiex tixtri karta protettiva. Skont il-kuntratt ta' appalt li s-socjeta` Tarkett Sommer International GmbH kellha ma' Skanska Malta JV, kien hemm obbligu li Tarkett tipprovdi karta protettiva sabiex tipprotegi l-*vinyl flooring* sakemm isir *"handing over".* Ghalkemm is-socjeta` attrici kienet normalment tixtri dan il-materjal minghand Tarkett, hija tikkontendi li kellha tixtri l-materjal f'zewg okkazjonijiet minn Malta, sabiex tkun tista' ssir il-protezzjoni mehtiega, peress li kien hemm dewmien fil-konsenja.

Izda din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, tirritjeni li l-fatturi ezebiti fihom innifishom mhumiex prova li s-socjeta` attrici ghamlet ordni mas-socjetajiet konvenuti liema ordni ma waslitx fil-hin mistenni. Lanqas tressqet xi prova sabiex issostni li l-ispiza li nkorriet is-socjeta` attrici kienet xi konsegwenza ta' nuqqas jew tort tas-socjetajiet konvenuti. Anzi mix-xhieda mressqa mis-socjetajiet konvenuti jinghad li huma pprovdew

il-materjal kollu mehtieg sabiex iservi ghall-iskop ta' protezzjoni (xhieda Roberto Jacono fol. 261) u li kien in-nuqqas tas-socjeta` attrici fl-ordnijiet maghmula li wassal ghal din il-pretensjoni attrici (xhieda ta' Alexandre Stordeur fol. 202). Jinhass opportun li jigi puntwalizzat li, minkejja li r-rapprezentant tas-socjeta` attrici ntalab diversi drabi waqt il-kontro-ezami tieghu, li jressaq dokumentazzjoni in sostenn tal-allegazzjoni ta' dewmien fil-konsenja, din il-prova baqghet ma saritx. Kwindi fin-nuqqas ta' prova, liema prova kienet tispetta lis-socjeta` attrici, a bazi tal-principju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat,* ladarba tallega li hija nkorriet din l-ispiza konsegwenza diretta tan-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni fir-rigward tal-ewwel Qorti.

Imiss li tigi trattata t-talba numru 5 tas-socjeta` attrici dik ta' €183,327.42 rapprezentanti xoghlijiet fis-*subfloor preparation* li sar bejn l-1 ta' Jannar, 2006, sal-ahhar tal-kuntratt cioè sad-19 ta' Gunju, 2007. Jibda billi jigi osservat li minn harsa lejn il-provi in atti din il-Qorti tinsab konvinta li sal-ahhar ta' Marzu 2006, Tarkett kienet qieghda tigi obbligata minn Skanska li taghmel xoghlijiet estensivi ta' *subfloor preparation* bhala parti mill-kuntratt taghha, li kien jinkludi xoghol inkrepattiv ta' *grinding* u livellar sakemm jitlahaq il-livell accettabbli sabiex ikun jista' jitqieghed il-*vinyl* (ara Dok. F Vol I A)**.** Dan ix-xoghol kien qieghed jitwettaq mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjetajiet konvenuti. **Kien biss f'dan l-istadju (30 ta' Marzu, 2006) li Skanska accettat li dan ix-xoghol ma kienx jinkombi**

**lis-socjetajiet konvenuti u li fil-fatt dan l-obbligu kien jghajjat lil kumpanija ohra.** Tant hu hekk li mill-korrispondenza bejn Skanka u Tarkett issir referenza ghall-minuti tal-laqgha tat-30 ta' Marzu, 2006, fejn inghad: *"the procedure described in the minutes will reduce the quantum of preparatory work to be carried out by Tarkett, thereby allowing your limited resources on treating the floor where necessary, and laying the vinyl"* (ara Dok. G u H Vol I A). Dan wassal lis-socjetajiet konvenuti jaghmlu talba lil Skanska sabiex jintraddu lura l-ispejjez li saru in konnessjoni max-xoghlijiet zejda maghmula minnhom.

Min-naha l-ohra s-socjeta` attrici kellha kondizzjoni fil-kuntratt taghha mas-socjetajiet konvenuti li "*subfloor preparations (levelling etc.) shall be offered separately based on requirement and/or request."* Dan wassal lis-socjetajiet konvenuti sabiex jikkumpensaw lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm55,000 (€128,115.54) rapprezentanti pagi u spejjez ghal dan ix-xoghol li sar fil-perjodu bejn is-sena 2002 u s-sena 2005 (ara Dok. R a fol. 130 ta' Vol I A). L-impjegati ta' Skanska Thomas Eriksson u Javid Iqbal (fol. 136 u 138) jixhdu li mit-30 ta' Marzu, 2006, l-ahhar xoghol ta' preparazzjoni tal-art kien tnehha minn idejn is-socjeta` attrici u li dan ix-xoghol seta' jitwettaq minnha biss wara li tircievi struzzjonijiet bil-miktub minn Skanska, u li tali struzzjonijiet qatt ma nhargu (fol. 154). Konsegwentement is-socjeta` attrici kellha taghmel biss xoghol ta' xkatlar u tindif qabel ma jitqieghed il-*vinyl.*

Huwa minnu li l-impjegati tas-socjeta` attrici Paul Formosa u Dauda Camara in kontro-ezami jghidu li x-xoghol fis-subfloor ma naqasx (fol.648 u 651). Izda dan jinsab sa certu punt kontradett minn Mark Schembri, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici meta fl-ewwel affidavit tieghu jixhed: *"Mill-1 ta' April 2006 sa l-ahhar tal-kuntratt (19 ta' Gunju 2007) ix-xoghol tnaqqas hafna kif fuq spjegat."* (fol. 540) Ghalkemm is-socjetajiet konvenuti jirreferu estensivament ghax-xhieda ta' Thomas Eriksson tal-21 ta' Gunju, 2010, fejn dan jishaq li x-xoghol tas-socjeta` attrici fuq is-*subfloor* spicca fis-sena 2005, l-istess xhud diversi drabi jghid ukoll li dan ix-xoghol baqa' jsir minn Tarkett sal-ahhar ta' Marzu 2006 (ara fol. 167 u fol. 181 tal-process). Izda jinsisti li s-socjeta` attrici m'ghamlitx aktar *grinding* wara l-1 ta' April, 2006. Rilevanti wkoll f'dan is-sens hija x-xhieda ta' Roberto Jacono tal-24 ta' Gunju, 2011, li kien jamministra l-kuntratt tax-xoghlijiet f'Mater Dei ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti, li jikkoncedi li ghalkemm wara li fl-2006 Skanska ghaddiet dan ix-xoghol lill-kuntrattur Bonnici, dan ma kienx ifisser li ma kienx hemm xoghol xi jsir fis-*subflloor* wara, izda kienu aktar aggustamenti zghar. (fol. 608). Hekk ukoll il-perit Charmaine Cutajar li kienet impjegata ma' Skanska tixhed li x-xoghol ta' livellar tal-art kien aktar intensiv fl-ewwel tliet snin tal-progett sal-ahhar tas-sena 2005, peress li s-socjeta` attrici wara bdiet tikkoncentra fuq il-hitan (fol.447 tal-process).

Konsidrat dan kollu, din il-Qorti tinsab konvinta li hemm perjodu ta' tliet xhur (Jannar 2006 sa Marzu 2006) li ghalih is-socjeta` attrici ma thallset ebda kumpens ghax-xoghol li ghamlet fuq is-*subfloor* u dan meta kienet qieghda tahdem fuqha bhal qabel. Mentri ghall-perjodu April 2006 sa Gunju, 2007, hija baqghet taghmel xoghol zghir fuq is-*subfloor,* li wkoll ma thallsetx ghalih. Din hija konsiderazzjoni, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ttiehedx qies sew taghha mill-ewwel Qorti. Madankollu din il-Qorti taqbel mas-socjetajiet konvenuti meta jinghad minnhom li l-komputazzjoni mressqa mis-socjeta` attrici hija zbaljata. Din il-Qorti, bhal ta' qabilha, ma tinsabx konvinta li l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici taht din it-talba jirraprezenta t-telf effettiv imgarrab minnha. Dan jinghad mhux biss peress li m'hemmx prova konklussiva li l-haddiema tas-socjeta` attrici kif elenkati f'Dok. I (fol 13 ta' Vol I A) f'dan il-perjodu kienu qeghdin jahdmu biss fuq ix-xoghol tas-*subfloor,* kif lanqas m'hemm prova bizzejjed li x-xoghol jew materjal kien utilizzat specifikatament ghal dan l-allegat xoghol. Imkien ma jirrizulta ftehim specifiku bejn il-kontendenti fil-kawza dwar rata ta' hlas jew il-profitt li kellu jsir mis-socjeta` attrici fuq dan it-tip ta' xoghol. Izda jibqa' l-fatt pero` li tax-xoghol li tqabbdet taghmel is-socjeta` attrici, hija ghandha tithallas. Dan jinghad a bazi tal-principju *omnis labor optat premium,* jigifieri min jaghti xi servizz ghandu dritt li jkun ikkumpensat ghax-xoghol li jaghmel. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-2 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet **Nicky Saliba v. Kunsill Lokali tan-Nadur:**

> *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti."*

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma tqisx li jkun gust li s-socjeta` attrici ma tithallasx ghax-xoghol li giet imqabbda taghmel kemm dak intensiv bejn Jannar u Marzu tas-sena 2006, kif ukoll dak hafif bejn April 2006 u Gunju 2007. Kwindi konsidrat dan kollu, inkluz il-hlas li sar minn Tarkett ghall-perjodu 2002-2005, ghandu jinghata kumpens *arbitrio boni viri* lis-socjeta` attrici fir-rigward ta' din il-hames talba li qieghed jigi likwidat fl-ammont ta' €12,000.

In kwantu ghat-talba numru 6, jinghad li l-ammont reklamat huwa ta' €11,735.40, rapprezentanti nofs l-ispejjez ta' servizzi professjonali rezi mill-*quantity surveyors* Dennis Sant u Chris Zahra li gew inkarigati mis-socjeta` attrici sabiex ikejjlu x-xoghlijiet ezegwiti u johorgu l-kontijiet, u dan jinghad mis-socjeta` attrici sar fl-interess tal-kontendenti kollha fil-kawza. Hija tishaq ukoll li s-socjetajiet konvenuti ghamlu uzu mis-servizzi u konteggi tal-istess *surveyors* sabiex huma setghu thallsu minn Skanska. Kien ghalhekk li s-socjeta` attrici pproponiet li l-ispejjez relatati

mal-*quantity surveyors* jinqasmu bin-nofs peress li fil-fehma taghha dawn in-nies teknici kienu qeghdin jahdmu fl-interess taz-zewg partijiet. Is-socjeta` attrici tikkontendi li ghalkemm ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub fir-rigward, ladarba Roberto Jacono qatt ma oggezzjona ghal din il-proposta taghha, dan is-silenzju u l-inazzjoni jistghu joholqu obbligazzjoni kuntrattwali fejn ikun hemm kuntratt gja in ezistenza bejn il-partijiet. Kwindi hija targumenta li setghet tikkonkludi li fin-nuqqas ta' risposta, din il-proposta taghha kienet giet accettata da parti ta' Tarkett, wara kollox is-socjetajiet konvenuti baqghu jaghmlu uzu mis-servizzi tal-*quantity surveyors* sabiex jinhargu l-kontijiet taghha u finalment tithallas minn Skanska.

Is-socjetajiet konvenuti gustament josservaw illi filwaqt li s-socjeta` attrici ssemmi s-somma ta' €11,735.40 fir-rikors tal-appell taghha relatat mat-talba numru 6, l-affidavit ta' Mark Schembri, in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u d-dokumenti pprezentati in sostenn tal-pretensjonijiet attrici (Dok. L a fol. 36 ta' Vol I A) jsemmu s-somma ta' Lm5290.46, li hija ekwivalenti ghal €12,323.46. Is-socjetajiet konvenuti filwaqt li jinsistu li qatt ma kien hemm ftehim dwar din il-qasma fl-ispejjez, jinsistu li s-silenzju m'ghandux jitqies bhala accettazzjoni izda jehtieg li din tkun esternalizzata. Jinsistu li s-silenzju da part ta' Tarkett ma jistax jitqies b'xi mod li huwa accettazzjoni u jiccitaw gurisprudenza u awturi fis-sens li s-skiet, hlief f'xi kazijiet partikolari, ma jimplikax kunsens.

Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mas-socjeta` appellanti in kwantu jinghad minnha li ladarba ma kienx hemm risposta ghall-proposta taghha tat-8 ta' Ottubru, 2006, kif rizultanti minn email esebita bhala Dok. "M" (Fol. 63 ta' Vol I A), dan kellu jissarraf f'kunsens da parti tas-socjetajiet konvenuti. Dan qieghed jinghad peress li ghalkemm il-ftehim bejn il-kontendenti ma jsemmix espressament il-kwistjoni tal-ispejjez ta' *quantity surveying,* l-istess ftehim jipprovdi: ***"Mark Schembri & Associates to keep Tarkett Sommer International GmbH informed of all development and forward all relevant documents concerning the progress of installation."*** (enfasi maghmula minn din il-Qorti). Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ovvju li ladarba kien jinkombi lis-socjeta` attrici li tgharraf is-socjetajiet konvenuti bl-izvilupp dwar il-progress tax-xoghol, dan kien jimplika mhux semplici korrispondenza, izda ladarba kellha tghaddi d-dokumenti kollha relevanti, dan bilfors kellu jinkludi r-rapporti ta' *quantity surveying* bhala parti mill-obbligi taghha. Dan kien il-veru hsieb wara l-ftehim bejn il-partijiet u kull interpretazzjoni ohra ma titqisx li taghmel sens. Wara kollox il-kuntratti ghandhom jigu interpretati b'tali mod li jaghmlu sens.

Dan b'rispett ghall-principju ta' *pacta sunt servanda* cioè li l-ftehim ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet. Hawnhekk issir referenza ghal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Salvu Fenech**

**et v. Malta Dairy Products Limited et** deciza 30 ta' Ottubru 2003**,** li ttenni l-principju fir-rigward:

> *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et v L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines").*
>
> *"...*
>
> *"Illi dan iwassal għall-prinċipju ieħor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni. ("Joseph Francis Depares nomine vs John o'Dea nomine" – A.C. – 25 ta' Ġunju 1996).*
>
> *"Illi l-konsegwenza ta' kull ftehim għalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jagħmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti għandhom ikunu nterpretati in bona fede ("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" – P.A. (WG) 30 ta' April 1987)."*

Fil-fatt jirrizulta li mhux kontestat li s-socjeta` attrici kienet inkarigat direttament iz-zewg *quantity surveyors,* u kienet ghalhekk ilha thallas dan ix-xoghol ghal aktar minn erba' snin, qabel ma harget b'din il-"proposta". Kwindi din il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tas-socjeta` attrici li s-skiet jissarraf f'kunsens, ghaliex il-klawsola kuntrattwali hija cara u ma thallix dubju dwar it-tifsir u l-interpretazzjoni taghha. Isegwi li lanqas f'dan il-kaz, l-ilment tas-socjeta` attrici ma jregi.

Imiss li tigi trattata t-talba numru 8A fejn is-socjeta` attrici tikkontesta d-decizjoni tal-ewwel Qorti in kwantu applikat il-kuncett ta' *arbitrio boni viri* ghad-diskrepanza fil-kejl mehud. Hija tishaq li filwaqt li s-*surveyor* inkarigat minnha Chris Zahra ghamel il-kejl tieghu fuq is-sit u allura kien

preciz, min-naha l-ohra Grant Williams ha l-kejl minn fuq id-disinji u b'hekk ma seta' qatt ikun ezatt. Inoltre filwaqt li Chris Zahra esebixxa l-kejl mehud minnu kamra b'kamra, Tarkett m'esebiet xejn. Kwindi targumenta li l-ewwel Qorti qaghdet semplicement fuq allegazzjoni ta' Thomas Eriksson li din id-diskrepanza ma kenitx kredibbli, minghajr lanqas biss ikkonsidrat il-prova tal-kejl esebita minn Chris Zahra mal-affidavit tieghu (Dok. CZ1). Is-socjeta` attrici tikkontesta wkoll il-likwidazzjoni maghmula ta' €15,000 bhala wahda baxxa u li nghatat minghajr ebda spjegazzjoni, dan meta likwidazzjoni *arbitrio boni viri* ghandha tkun wahda oggettiva. Minflok tinsisti fuq il-hlas ta' €41,592.41 ghal din it-talba.

Is-socjetajiet appellati filwaqt li jirribadixxu li diskrepanza ta' 'l fuq minn €40,000 fil-kejl mhix wahda kredibbli, jaccettaw id-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn illikwidat is-somma ta' €15,000. Huma jistriehu fuq ix-xhieda ta' Thomas Eriksson, inginier impjegat ma' Skanska bhala *work package manager* ghal *internal finishings* fuq il-progett tal-isptar Mater Dei, li fil-fehma taghhom huwa xhud indipendenti, li xehed li ghalkemm hija prassi li jkun hemm divergenzi fuq progetti bhal dawn, divergenza ta' 'l fuq minn erbghin elf ewro xoghol mhix wahda kredibbli.

Fir-rigward il-materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn jinghad:

> *"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu.* ***Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*** *– Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> *"b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> *"c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
>
> *"d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";* (enfasi maghmul minn din il-Qorti).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, peress li l-kwistjoni in ezami hija purament wahda ta' apprezzament tal-provi, huwa essenzjali li dawn jigu meqjusa bl-akbar reqqa, biex jinghata lilhom dak il-piz li verament

jimmeritaw. Huwa essenzjali wkoll li jigi allokat sewwa l-*onus probandi*. Jigi osservat li kien jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tressaq il-prova li sar ix-xoghol li tieghu hija qieghda tippretendi l-hlas u dan in omagg ghall-principju hawn qabel imsemmi *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat.* Fil-fatt hija tressaq bhala xhud is-*surveyor* taghha Chris Zahra li ssottometta c-certifikati ta' qisien li fuqhom issejjes il-pretensjonijiet taghha s-socjeta` attrici (ara Dok. CZ1) u x-xhieda tieghu permezz ta' affidavit. Ghalkemm dan ix-xhud tressaq in kontro-ezami, il-prova dokumentali mressqa minnu ma tirrizultax ikkuntrastata b'dokumentazzjoni ta' kejl divergenti, anzi rrizulta li l-istess *surveyor* thallas mis-socjeta` attrici a bazi ta' percentwali fuq l-istess kejl mahrug minnu, inkluz dak suggett ta' divergenza bejn il-kontendenti fil-kawza.

Min-naha l-ohra, is-socjetajiet konvenuti ressqu bhala xhieda fuq dan il-punt lil Thomas Eriksson li mix-xhieda tieghu tal-21 ta' Gunju, 2010, jirrizulta li l-persuna responsabbli ghall-kejl da parti ta' Skanska kienet Grant Williams u Eriksson jissottometti li ladarba l-arja tal-bini saret skont kif progettat, l-uniku tibdil li seta' kien hemm kien fil-qies tal-kmamar b'dan li jekk kamra wahda ckienet fil-qies, tpatti ghal ohra li zdiedet. L-imsemmi Grant Williams baqa' ma tressaqx bhala xhud. Alexandre Stordeur vici-president ta' Tarkett jixhed li filwaqt li huwa komuni li jirrizultaw divergenzi bejn id-disinn u l-bini ezegwit, li jwassal ghal differenza fil-figuri, isibha difficli li jaccetta diskrepanza ta' €41,592.41. Roberto Jacono manager

ma' Tarkett fuq dan il-progett, xehed li ma jistax jifhem din id-diskrepanza, konsidrat li fl-ewwel erba' snin meta huwa kien prezenti ma kienx hemm divergenzi kbar fil-qisien.

Tajjeb jigi pprecizat li ghalkemm l-arja zviluppata fil-progett jista' jkun li baqghet l-istess, l-argument ta' Eriksson fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jregix, peress li x-xoghol ezegwit da parti tas-socjeta` attrici kien fuq gewwa u kif jghid Alexandre Stordeur stess, kien hemm kazijiet fejn il-*floor covering/vinyl* gie sostitwit b'xi haga ohra, kif ukoll kazijiet ta' *wall covering* li ma kienx prevvist mill-bidu (fol. 599 tal-process). Dan ifisser li l-metodu ta' Williams li jkejjel fuq il-pjanti ma seta' qatt ikun preciz, fil-kuntest tal-pretensjonijet attrici, ladarba skont l-istess socjetjiet konvenuti kien hemm varjazzjonijiet fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, liema varjazzjonijiet kellhom jigu konstatati fuq il-post. Jitqies li kien fl-interess tas-socjetajiet konvenuti li jressqu bhala xhud lil Graham Williams sabiex isostnu d-difiza taghhom u jirribattu l-prova teknika mressqa mis-socjeta` attrici. Inoltre jigi puntwalizzat ukoll li d-diskrepanza fil-valur tal-kejl hija ta' Lm15,131.88 (€35,247.80) – ara f'dan is-sens Dok. "CZ 2" a fol. 51, mentri d-differenza ta' €6,344.61 hija dik ta' VAT.

Jigi nnutat ukoll li, ghalkemm din il-kwistjoni kellha tigi diskussa flimkien m'affarijiet ohra f'laqgha li kellha ssehh fid-19 ta' Gunju, 2007, bejn rapprezentanti ta' Skanska, ta' Tarkett, u rapprezentanti tas-socjeta`

attrici, Mark Schembri u Chris Zahra **ma thallewx jidhlu** ghall-imsemmija laqgha u ghalhekk ma thallewx jippartecipaw fil-kwistjonijiet li kien ghad baqa'. F'dik il-laqgha gew rizolti biss il-kwistjonijiet bejn Skanska u Tarkett. Mentri bl-agir tas-socjetajiet konvenuti, il-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici dwar id-diskrepanza fil-kejl baqghu rrizolti.

Konsidrat dan kollu, din il-Qorti tqis li s-socjeta` attrici appellanti ghandha ragun meta tilmenta li l-ewwel Qorti cediet ghall-allegazzjoni tas-socjetajiet konvenuti ta' diskrepanza fil-kejl. Ghalkemm huwa minnu li fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet ta' certu portata, jista' jkun hemm diskrepanzi fil-kejl, ladarba kienu s-socjetajiet konvenuti li kienu qeghdin jallegaw li l-pretensjonijiet attrici kienu esagerati, kien imiss lilhom iressqu prova konvincenti in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom. Izda l-istess socjetajiet konvenuti naqsu milli jippruvaw kif imiss l-allegazzjoni taghhom billi jressqu l-ahjar prova teknika sabiex jikkontestaw dak pretiz mis-socjeta` attrici. Lanqas jirrizulta li s-socjetajiet konvenuti talbu li jinhatar perit tekniku da parti tal-Qorti sabiex jikkuntrastaw il-kejl vantat mis-socjeta` attrici. Isegwi li l-ilment tas-socjeta` attrici dwar it-talba 8A, jitqies li f'dan il-kaz huwa wiehed gustifikat u ghalhekk ser jigi milqugh.

Jonqos li tigi trattata dik il-parti tal-aggravju taht l-appell principali tas-socjeta` attrici dwar it-talba 8B ta' €44,275.75 rapprezentanti hlas ta' profitti fuq ix-xoghlijiet li saru bejn l-2002 u l-2005 fuq is-*subfloor* li jinghad

huma dovuti. Issir referenza ghall-email ta' Roberto Jacono tas-16 ta' Marzu, 2006 (Dok. R) fejn jinghad li s-socjetajiet konvenuti kienu ser ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm55,000 (€128,115.54) rapprezentanti "*costs of labour and material of works*". Kwindi tinsisti li dan il-hlas ma kien jinkludi ebda element ta' profitt izda semplicement hlas tal-ispejjez. Is-socjeta` attrici tikkontendi li hija kellha ftehim mas-socjetajiet konvenuti li ssir talba lil Skanska ghall-hlas ta' €172,391.29, li kienet maghmula mis-somma ta' €128,115.54 bhala rifuzjoni lil Tarkett tal-hlas li ghamlet favur is-socjeta` attrici, u l-bilanc ta' €44,275.75 kien dovut lis-socjeta` attrici bhala profitt fuq ix-xoghol ezegwit minnha bejn is-snin 2002 u 2005. Is-socjeta` attrici taghmel referenza ghad-dokumenti "S" u "U" esebiti mal-affidavit ta' Mark Schembri in sostenn tal-pretensjonijiet taghha. Terga taghmel referenza ghall-laqgha li saret bejn rapprezentanti ta' Skanska u ta' Tarkett, li hija thalliet barra minnha u ghall-fatt li hadd minnhom ma ried jaghti dettalji tal-ftehim milhuq bejniethom. Dan isostni li jmur kontra l-principju li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bona fede. Inoltre tirrileva li fil-mori tal-kawza l-ammont issekwestrat f'idejn il-Bank wara l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fuq talba taghha kien dak ta' €173,880.74, fi zmien meta Tarkett ma kellhiex aktar flus disponibbli. Hija ssostni li incidentalment din is-somma hija l-istess ammont li Tarkett kienet qieghda tippretendi, kif spjegat qabel.

Jirrizulta bhala fatt accertat li s-socjeta` attrici thallset is-somma ta' €128,115.54 mis-socjetajiet konvenuti ghax-xoghol fuq is-*subfloor* ghall-perjodu 2002-2005. Tajjeb jigi precizat ukoll li, kuntrarjament ghal dak li jinghad mis-socjeta` attrici, l-ewwel Qorti ma cahditx il-pretensjoni attrici permezz ta' tliet linji, izda ghamlet referenza wkoll ghall-konsiderazzjonijiet taghha taht it-talba numru 5, fis-sens li ma tressqux provi sabiex jiggustifikaw l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici. Kif gustament osservat mis-socjetajiet konvenuti, id-dokumenti msemmija mis-socjeta` attrici, senjatament Dok. "R", "S" u "U" annessi mal-affidavit (fol. 130 sa 141 ta' Vol IA) qajla jista' jinghad li jsostnu t-talba attrici, peress li mkien minnhom ma jirrizulta li jissema l-profitt, jew kif gie kkalkolat dan l-element ta' profitt. Anzi minn Dok. "U" u t-tabella hemm annessa jirrizulta li, l-ammont ta' Lm74,007.58 (€172,391.29) huwa maghmul minn tliet elementi (i) materjal, (ii) xoghol u (iii) ghodda. Kwindi t-tezi tas-socjeta` attrici ma tregix. Inoltre ghalkemm il-ftehim bejn il-kontendenti fil-kawza kien jipprovdi ghall-hlas separat ta' *subfloor preparations*, ma tirrizulta ebda rata, kif lanqas ma jirrizulta ebda ftehim bejn il-kontendenti fil-kawza dwar il-hlas tal-element ta' profitt. Isegwi li l-persentagg ta' oltre minn 30% bhala profitt pretiz mis-socjeta` attrici huwa tabilhaqq unilaterali u arbitrarju kif inghad mill-ewwel Qorti, apparti li ma tirrizulta ebda prova in atti in sostenn ta' tali persentagg ta' profitt fuq xoghlijiet simili.

Ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-principju li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in *buona fede* kif osservat fis-sentenza citata qabel ta' **Fenech et v. Malta Dairy Products Limited et,** il-mertu ta' din il-kawza ma jittrattax il-kuntratt bejn Skanska u Tarkett izda bejn Tarkett u s-socjeta` attrici, dan ifisser li kull ftehim milhuq fuq l-ewwel kuntratt huwa separat mit-tieni wiehed, in kwantu s-socjeta` attrici tista' tinvoka l-ftehim li hija ghandha ma' Tarkett, izda hija estranja ghall-ftehim bejn Tarkett u Skanska. Hekk ukoll dak li jinghad mis-socjeta` attrici dwar l-ammont depozitat mill-Bank huwa al kwantu ta' natura kongetturali u m'hu ta' ebda ghajnuna ghall-pretensjonijiet attrici dwar il-profitt, suggett ta' din it-talba.

Isegwi li din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti fir-rigward tat-talba 8B u ma tara ebda htiega li tvarja s-sentenza f'dan ir-rigward.

Dan ifisser li l-appell principali tas-socjeta` attrici jimmerita li jintlaqa' parzjalment sabiex l-ammont dovut lis-socjeta` attrici ghandu jkun riformat fis-sens li s-socjetajiet konvenuti ghandhom ihallsu s-segwenti ammonti:

Talba 1A: €181,571.02 - rapprezentanti xoghol mwettaq mis-socjeta` attrici;

Talba 1B: €15,703.80 - rapprezentanti *cost of living increases*;

Talba 2: €6,871.65 – Hlas tal-kummissjoni tal-"*wallcovering project*";

Talba 4: €1,583.21 - rapprezentanti spejjez ta' rapporti ta' *technicians* li gew ingaggjati;

Talba 5: €12,000 – likwidat *arbitrio boni viri* in rapprezentanza tax-xoghol fuq is-*subfloor* ghall-perjodu Jannar 2006 sa Gunju 2007;

Talba 7: €13,743.30 – rapprezentanti spejjez tas-*site office*;

Talba 8A: € 41,592.41 – diskrepanza fil-kejl*;*

Kummissjoni ta' 3%: € 82,459.82; li jwassal ghal total ta' **€355,525.21**.

Imiss li jigi trattat l-appell incidentali tas-socjetajiet konvenuti li huwa msejjes fuq l-aggravju principali ta' applikazzjoni hazina tal-ligi fl-isfond tal-provi mressqa. Dan fil-kuntest (1) tal-kap tal-imghax li jinghad li kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza u (2) tal-kap tal-ispejjez li jinghad kellhom jigu allokati nterament fuq is-socjeta` attrici.

Is-socjetajiet konvenuti jilmentaw li l-ewwel Qorti skartat is-sottomissjonijiet taghhom dwar l-imghax u naqset milli taghti motivazzjoni

dwar id-decizjoni taghha li takkorda l-imghaxijiet mid-data tar-rikors promotur u mhux mid-data tas-sentenza. Jilmentaw li fir-rigward tat-talbiet 1A u 1B ghalkemm qatt ma kienu kkontestati sabu ruhhom fl-impossibilita` li jhallsu, peress li l-ghada li ntalab il-hlas minnhom, gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru u l-flus taghhom gew iffrizati u gurnata wara saret il-kawza. Apparti l-mod intempestiv li bih tressqet il-kawza, l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ma kienx wiehed cert likwidu u determinat, kwindi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Dan isegwi l-principju li debitur m'ghandux jitpogga *in mora* u jehel l-imghax fejn il-pretensjonijiet ta' hlas tal-kreditu jkunu zbaljati. Issir referenza ghall-fatt li l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici gie ridott diversi drabi konsegwenza ta' zbalji u bidliet fl-ammonti mitluba mill-istess socjeta` attrici. Kwindi filwaqt li jiccitaw diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati fir-rigward, isostnu li ladarba jirrizulta li l-pretensjonjiet tas-socjeta` attrici ma kienu xejn certi u l-kontestazzjoni taghhom kienet wahda valida, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Relevanti ghall-materja in ezami huma l-Artikoli 1139 u 1141 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 1139 jipprovdi li:

> "*Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghatha meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena*."

L-Artikolu 1141 ikompli hekk:

> *"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso iure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*
>
> *"(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

Din il-Qorti hija propensa li taqbel ma dak li jinghad mis-socjeta` attrici sa fejn jinghad minnha li jehtieg li ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' talbiet. Fil-kaz tat-talbiet li jgibu n-numru 1A, 1B, 2 u 4, kif ukoll fil-kaz tal-kummissjoni, fl-ammonti ta' €181,571.02; €15,703.80; €6,871.65; €1,583.21 u €82,459.82 rispettivament, li jaghmlu total ta' €288,189.50, dawn ghalkemm qatt ma kienu kkontestati mis-socjetajiet konvenuti baqghu ma thallsux lis-socjeta` attrici. It-tezi tas-socjetajiet konvenuti li m'ghandux jithallas imghax minhabba li gie pprezentat mis-socjeta` attrici l-mandat ta' sekwestru ma tregix, konsidrat li d-depoziti li saru mhumiex ghaliex saret xi offerta ta' hlas lis-socjeta` attrici kif mahsub fl-Artikolu 1173 tal-Kodici Civili fejn il-kreditur jirrifjuta l-pagament, izda d-depoziti saru wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru. Il-fatt fih innifsu li sar depozitu da parti ta' terzi sekwestratarji, ma jwassalx sabiex ma jiddekorrix iktar imghax, stante li d-depozitu li sar ma jikkwalifikax bhala pagament skond ma jipprovdi l-imsemmi Artikolu 1173(2). Huwa veru li s-socjetajiet konvenuti kienu rinfaccati b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju, izda jibqa' l-fatt li n-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti li jhallsu l-bilanc fil-waqt opportun, iwassal sabiex dawn jinkorru wkoll il-hlas tal-imghax relattiv. Huwa ritenut

li l-imghax fuq dan l-ammont ta' €288,189.50 ghandu jibda jiddekorri kif deciz mill-ewwel Qorti, mill-14 ta' Settembru, 2007, id-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, kif jipprovdi l-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili u jibqa' ghaddej sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Fil-kaz tat-talbiet numru 7 u 8A, ta' €13,743.30 u €41,592.41, ghalkemm dawn kienu kkontestati mis-socjetajiet konvenuti, fil-fehma ta' din il-Qorti konsidrat li l-ammont shih originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed jigi akkordat lilha, hawn ukoll jitqies opportun li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mill-14 ta' Settembru, 2007, id-data tal-prezentata tar-rikors guramentat. Huwa principju accettat li meta l-ammont ikun indikat fl-att tac-citazzjoni, jew f'dan il-kaz fl-elenku ta' talbiet anness mar-rikors promotur, allura huwa permissibli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont indikat, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni (ara sentenza ta' din il-Qorti f'dan is-sens, fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Fenech et v. Omar Zammit** deciza fis-26 ta' Jannar, 2018). Fil-kaz ta' dawn iz-zewg talbiet ukoll ma jitqiesx opportun li s-socjetajiet konvenuti bhala debituri jigu ezentati mill-hlas ta' imghax, altrimenti s-socjeta` attrici tkun qieghda ticcahhad mill-imghax ingustament.

Min-naha l-ohra, huwa validu l-punt maghmul mis-socjetajiet konvenuti, sa fejn l-ammont dovut lis-socjeta` attrici taht it-talba numru 5 ma kienx

facilment determinabbli, anzi huwa tassew ferm inqas minn dak pretiz mis-socjeta` attrici u allura fil-kaz ta' din it-talba partikolari ghandu japplika l-principju ta' *in liquidandis non fit mora*. Konsidrat li l-ammont ta' €12,000 gie likwidat permezz ta' din is-sentenza, f'dan il-kaz biss, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Jonqos li jigi trattat l-ahhar aggravju tas-socjetajiet konvenuti, dak rigward l-ispejjez tal-kawza. Is-socjetajiet konvenuti jinsistu li ma kien hemm ebda raguni ghala l-ispejjez kellhom jinqasmu bin-nofs. Dan peress li wiehed m'ghandux ihares biss lejn il-varjazzjoni fl-ammont mitlub, izda wkoll lejn (i) l-intempestivita` li biha gew pprezentati l-proceduri, minghajr ebda pre-avviz u (ii) l-varji seduti li nzammew, fejn ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien inkonsistenti u fejn irrezista li jipprovdi l-informazzjoni sabiex jissostanzja l-pretensjonijiet attrici. Kwindi jikkontendu li l-ispejjez kellhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-ahhar aggravju fl-appell incidentali ma jimmeritax l-akkoljiment tieghu. Fil-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili jinghad li f'kull sentenza definittiva, il-Qorti ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez (Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bhala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt difficli li jigi ddeterminat, jew ghal xi raguni tajba ohra, li ghandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-principju. Din il-Qorti wara li

kkonsidrat il-provi kollha mressqa mill-partijiet, l-ezercizzju estensiv mehtieg sabiex jigu determinati t-talbiet attrici fil-kuntest tal-eccezzjonijet imressqa mis-socjetajiet konvenuti u l-estent tat-talbiet attrici milqugha, ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjez in prim'istanza. Kwindi ser tichad dan l-aggravju fl-appell incidentali.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, tilqa' parzjalment l-appell principali tas-socjeta` attrici appellanti, kwindi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqghet it-talbiet tas-socjeta` attrici fir-rigward tat-talbiet 1A, 1B, 2, 4, 7 u l-kummissjoni pattwita kif hawn qabel elenkati, bl-imghax kif appena spjegat, sad-data tal-pagament effettiv, thassaraha sa fejn cahdet it-talba numru 5 u akkordat it-talba 8A somma *arbitrio boni viri* u minflok tilqa' t-talba numru 5 u tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' €12,000 u tilqa' t-talba numru 8A fl-ammont intier ta' €41,592.41. L-imghax fuq dan l-ahhar ammont jiddekorri wkoll mill-14 ta' Settembru, 2007, id-data tal-prezentata tar-rikors guramentat.

Tilqa' parzjalment l-appell incidentali, in kwantu l-korrezzjoni mitluba fuq l-ammont ta' kummissjoni jirrizulta misthoqq u ghandu jaqra €82,459.82 u l-imghax fuq it-talba numru 5 ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez in prim'istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li tordna li l-ispejjez tal-appell principali ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u l-ispejjez tal-appell incidentali ghandhom jinqasmu in kwantu ghal kwart [$^{1}/_{4}$] a kariku tas-socjeta` attrici, filwaqt li r-rimanenti tliet kwarti [$^{3}/_{4}$] jkun a kariku tas-socjetajiet konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm